MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 187/1997/1

**Comm. Lifts Ser. Limited**

**Vs**

**Michael Stivala f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' C. Stivala Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm1617.50 (elf sitt mija u sbatax-il lira u hamsin centezmu), dovuta bhala bilanc ta' prezz ta' lift mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici;

Premess illi minkejja interpellata thallas il-kont dovut, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm1617.50 dovuta in linea ta' pagament ta' prezz ta' bejgh ta' lift, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-3 ta' Lulju 1996 u tal-15 ta' Jannar 1997, u tal-Mandat ta' Qbid pprezentat kontestwalemnt, u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut *proprio et nomine* illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament Michael Stivala f'ismu proprju ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi t-talba tas-socjeta` attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u kellha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici billi l-bilanc dovut lis-socjeta` attrici huwa ta' Lm617 u s-socjeta` konvenuta baghtet dan l-ammont lis-socjeta` attrici fit-22 ta' Novembru 1995 izda dan ic-cheque gie ritornat minghajr gusta kawza;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici pprezentata fil-5 ta' Frar 2001 li permezz taghha rriduciet t-talba ghas-somma ta' sitt mija u sbatax-il lira Maltija (Lm617);

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Din hi wahda minn dawk il-kawzi li bi ftit bon sens setghet tigi facilment evitata. Minn ezami tal-provi in atti ma jidher li kien hemm l-ebda raguni biex zewg kummercjanti ma jaslux biex permezz ta' semplici konteggi jiddefinixxu u jirrizolvu l-kwestjoni ta' bejniethom;

Jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet qed tippretendi li ghadu dovut mill-konvenut *proprio et nomine* bilanc fis-somma ta' elf sitt mija u sbatax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1617.50,0) ghall-bejgh, konsenja u nstallazzjoni ta' lift fil-lukanda Petit Paradis;

Din il-pretensjoni giet kontrasta mill-konvenut *proprio et nomine* bid-difiza li l-ammont bilancjali li kien ghadu pendenti u allura dovut mis-socjeta` C. Stivala Limited, u mhux minnu personalment, kien ta' sitt mija u sbatax-il lira Maltija (Lm617);

Fil-kors tal-proceduri b'nota ntavolata a fol. 37 is-socjeta` attrici rreduciet l-ammont reklamat minnha ghal sitt mija u sbatax-il lira Maltija (Lm617). Dan, skond Victor Camilleri (fol. 33), ghamlu fuq l-assunt li hu kien gie mhedded mill-konvenuti u ma riedx aktar problemi maghhom;

Din il-versjoni giet kontestata u kontraddetta minn Michael Stivala fis-seduta ta' l-10 ta' Lulju 2001. Oltre li nnega l-fatt tat-theddid zied jelabora li skond id-dokumenti taghhom il-pretensjoni attrici kienet zbaljata tant li, dejjem skond dan ix-xhud, l-attur kien accetta li l-accountant tieghu kien ghamel zball;

Ezami anke superficjali tad-dokumenti esebiti hu bizzejjed biex jigi sodisfacement ritenut illi l-posizzjoni tal-konvenut hi l-wahda korretta;

Jekk wiehed jezamina l-Invoice tas-socjeta` attrici (fol. 8 u ri-esebita a fol. 36) jirrizulta illi sat-8 ta' Awissu 1995, data ta' l-istess invoice, l-attur jiddikjara li kien irceva minghand il-konvenut is-somma komplessiva ta' sitt elef erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm6450.00);

Mic-cekkijiet datati 18 ta' Awissu 1995 (fol. 40) u 28 ta' Awissu 1995 (fol. 54) jirrizulta li sar hlas mill-konvneut lill-attur ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500) korrispondenti ghat-total ta' l-ammonti murija fuq iz-zewg cheques (Lm1000 + Lm500);

Meta jinghadd dan l-ammont (Lm1500) ma' dak dikjarat mill-attur fl-Invoice tieghu (Lm6450) dan jaghti figura komplessiva ta' sebat elef disa' mija u hamsin lira Maltija (Lm7950);

Issa l-ammont pattwit bhala prezz tal-lift, kompriz il-VAT fuqu, kien ta' tmint elef hames mija sebgha u sittin lira u hamsin centezmu (Lm8567.50). Li jfisser allura li d-differenza bejn din is-somma u dik fuq stabbilita ta' Lm7950 kien ta' sitt mija u sbatax-il lira u hamsin centezmu (Lm617.50);

Jirrizulta kemm mid-dokumenti a fol. 52 konsistenti f'cheque datat 22 ta' Novembru 1995 fis-somma appena stabbilita, kif ukoll mill-ittra tat-28 ta' Novembru 1995 tal-konsulent legali tas-socjeta` attrici (fol. 7 u fol. 53) illi l-konvenut *nomine* kien skonta dan il-bilanc. Ic-cheque pero` gie lilu ritornat peress li ma giex accettat mis-socjeta` attrici. Dan fuq il-pretest illi kienet qed tippretendi u tesigi ammont akbar mill-kontenut ta' l-istess cheque;

Mill-assjem tal-provi huwa altru minn evidenti illi s-socjeta` attrici ma ghamlitx il-konteggi taghha sew u filwaqt li hu car li ghad baqalha tircievi s-somma bilancjali ta' sitt mija u sbatax-il lira (Lm617), ammont kif minnha precizat fin-nota ta' riduzzjoni ntrodotta fl-atti fil-5 ta' Frar 2001 (fol.

37), ghandha b'danakollu, ghad-dizattenzjoni taghha jew nuqqas ta' hsieb fl-istess konteggi tbati l-ispejjez tal-kawza u inoltre titlef il-beneficcju ta' l-interessi mitluba;

Kwantu ghal punt ta' tahrika tal-konvenut in veste personali kellu jkun aktar minn ovvju ghas-socjeta` attrici, anke mid-dokumenti rapprezentanti l-hlasijiet illi l-kontrattazzjoni taghha kienet mas-socjeta` konvenuta u mhux ma' Michael Stivala personalment.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi bl-akkoljiment ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut *proprio et nomine*, tikkundanna lill-konvenut *nomine* biss u mhux wkoll *proprio* ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u sbatax-il lira Maltija (Lm617), bilanc dovut ghal bejgh u installazzjoni ta' lift.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandha tbatihom is-socjeta` attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------